MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-11 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 1099/2009

**Ivan Sultana u Loraine Christine Sultana kemm f'isimhom personali u kif ukoll f'isem u in rappreżentanza ta' binhom minuri Ramon Sultana; u b'digriet tat-18 ta' Diċembru 2009 kujom ir-rikorrent Ivan *"Sultana"* ġie mibdul għal *"Attard".***

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentata fit-12 ta' Novembru, 2009 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

1. Illi permezz tas-sentenza fl-ismijiet "Ivan Sultana [ID Nru. 22277(M)] u Annie Sultana [176045(M)] u Louis Attard [1052148(M)] għal kwalunkwe interess li għandhom jew li jista' jkolhom vs Francis Sultana u d-

Direttur tar-Reġistru Pubbliku" (Rik. Maħ 325/2007NC) (kopja hawn annessa u mmarkata Dok. 'A') datata 28 ta' Mejju, 2009 l-Onorabbli Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) laqgħet it-talbiet attrici u b'hekk iddeċidiet illi l-missier naturali tal-attur Ivan Sultana li twielet fil-25 ta' Novembru, 1976 huwa l-attur Lewis Attard u mhux il-konvenut Francis Sultana, u konsegwentement ordnat id-debiti korrezzjonijiet fl-imsemmija att tat-twelid fis-sens li l-isem ta' Francis Sultana u l-konnotati tiegħu jiġu sostitwiti bil-konnotati ta' Lewis Attard.

2. Illi hekk kif l-attur Ivan Sultana jeżegwixxi s-sentenza surreferita, kunjomu jirriverti għal dak ta' missieru naturali u ċioe` Attard.

3. Illi l-attur Ivan Sultana żżewweġ fit-tnejn (2) ta' Mejju, 1998 (dan skond iċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat Dok. 'B') u minn dan iż-żwieġ twieled it-tifel Ramon (dan skond iċ-ċertifikat ta' twelid hawn anness u mmarkat Dok. 'C').

4. Illi kif jirriżulta mill-istess ċertifikati, fiċ-ċertifikat ta' żwieġ tal-esponenti Ivan Sultana u Loraine Christine Sultana l-isem ta' missier Ivan Sultana huwa ndikat bħala Francis Sultana u dan għandu jiġi korrett għal Lewis Attard u l-kunjom tal-attur Ivan Sultana fuq l-istess ċertifikat taż-żwieġ u wkoll il-kunjom tal-attur Ivan Sultana u wkoll ta' martu l-esponenti Loraine Christine Sultana fiċ-ċertifikat tat-twelid ta' binhom Ramon huwa ndikat bħala Sultana u kwindi jeħtieġ illi jiġi korrett ukoll għal Attard hi vista tas-sentenza surreferita, u dan ukoll sabiex tiġi evitata sitwazzjoni fejn il-missier ikollu kunjom differenti minn dak ta' martu u wliedu.

Għaldaqstant jgħid il-konvenut il-għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni u / jew ordni oħra li jidhrilha xierqa:

(1) Tordna li ssir il-korrezzjoni relattiva fiċ-ċertifikat taż-żwieġ ta' Ivan Sultana fis-sens illi missier l-istess Ivan Sultana għandu jiġi sostitwit bl-isem ta' Louis Attard; u

(2) Tordna li ssir il-korrezzjoni relattiva fiċ-ċertifikat taż-żwieġ ta' Ivan Sultana u Loraine Christine Sultana u wkoll fiċ-ċertifikat tat-twelid ta' binhom Ramon, fis-sens illi l-kunjom tal-attur Ivan Sultana għandu jiġi sostitwit billi jiġi jaqra *"Attard"* minflok *"Sultana"* kull fejn jidher u wkoll li l-kunjom ta' Loraine Christine Sultana jiġi sostitwit billi jaqra *"Attard"* minflok *"Sultana"* fuq iċ-ċertifikat tat-twelid surreferit.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut illi huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ppreżentata fl-4 ta' Diċembru, 2009 li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok huwa essenzjali għall-intergrita' tal-ġudizzju li r-rikorrenti Ivan Sultana bl-applikazzjoni tal-Artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jitlob għal korrezzjoni fl-okkju ta' dan il-kawża fis-sens li huwa għandu jidher bil-kunjom *"Attard"* u mhux *"Sultana" stante* li l-kunjom *"Sultana"* m'għadux jappartjeni lilu in segwitu tal-ġudikat (Cit 325/2007) fl-ismijiet *"Ivan Sultana et vs Francis Sultana et"* deċiża mill-Qorti Ċivili – Sezzjoni Familja fit-28 ta' Mejju 2009. Dan kif wara kollox jirriżulta wkoll mill-Att tat-Twelid tiegħu bin-numru ta' iskrizzjoni 222 tas-sena 1977, kopja ta' liema qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dok. DRP 1;

2. Illi *in limine litis* ukoll huwa meħtieġ li talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponent ma jsib l-ebda oġġezzjoni biex isiru t-tibdiliet rikjesti minnhom fir-rikors maħluf salv dejjem li l-esponenti m'għandux jeħel għall-ispejjeż ta' din il-kawża ġaladarba l-azzjoni tar-rikorrenti m'hijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tiegħu;

4. Salv eċċezzjonjiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u l-lista tax-xhieda.

Semgħet lill-attriċi;

Rat illi permezz tal-verbal tas-seduta tas-27 ta' Jannar, 2010 il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi l-atturi qed jagħmlu din it-talba *ai termini* tal-artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarj, korrezzjonijiet u reġistrazzjonijiet ta' ismijiet tal-ati tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-artikolu 254 saret debitament.

Illi t-talba attriċi hija ġustifikata mill-provi prodotti minnha. F'dan il-każ infatti l-atturi kellhom jipproċedu ġudizzjarjament bħala effett tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Familja li permezz tagħha ġie deċiż illi missier l-attur ma kienx Francis Sultana iżda Lewis Attard. Naturalment il-konvenut ma jaħtix għal dan l-iżball (li fil-fatt ma kien żball xejn, iżda kien jirrifletti s-sitwazzjoni kif kienet dakinhar) u ma għandux ibati spejjeż.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi;**

**L-ispejjeż tal-kawża għandhom jiġu sopportati mill-istess atturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------